# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Frar, 2002.**

**Numru**

**Rikors numru 99/99 JC**

**Carmelo Mifsud, George, Joseph, Maryanne mart John Micallef ahwa Mifsud.**

**vs**

**Azzopardi General Transport Limited.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; IR-RIKORS PROMOTORJU</u>**

1. Ir-rikorrenti wara li ppremettew illi jikru lill-intimati l-fond St. Joseph, Tal-Hlas Road, Qormi, bil-kera annwali ta' Lm220 li jithallsu f'erba' pagamenti ta' Lm35 kull tlett xhur bil-quddiem, l-ahhar skadenza kienet fit-18 ta' Lulju 1999, u li l-intimati biddlu d-destinazzjoni tal-uzu tal-fond, talbu li jigi ffissat terminu qasir u perentorju biex l-intimati jigu zgumbrati u hekk jirrilaxxjaw il-pussess tal-fond. Bl-ispejjez.

## IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' INTIMATA

2. Is-socjeta' appellanti eccepiet li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda billi s-socjeta' intimata, li taghmel xoghol ta' burdnar u agenti ta' trasport ta' merkanzija dejjem uzat il-fond de quo ghal dan l-uzu.

## IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza tat-28 ta' Frar 2001, il-Bord li Jirregola l-Kera laqa' t-talba tar-rikorrenti u awtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond de quo u ghal fini ta' zgumbrament ipprefigga terminu ta' xahar ; spejjez ghas-socjeta' intimata.

## L-APPELL TAS-SOCJETA' INTIMATA

4. Is-socjeta' intimata hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza u minnha interponiet appell quddiem din il-Qorti fuq l-aggravji segwenti :-

(A) Fl-ewwel lok, it-talba tar-rikorrenti kif intavokata fir-rikors promotorju tirrasenta l-gurisdizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kra. Infatti, il-Kap. 69 jikkontempla biss l-awtorizazzjoni mill-Bord lil sid il-kera biex ma jgeddidx il-kirja. Hija l-Ligi ordinarja, permezz tal-Qrati Ordinarji li jistghu jitterminaw u jwaqqfu kirja korrenti.

Fir-rikors promotorju, imkien ma hemm talba biex sid il-kera jigi awtorizzat ma jgeddidx il-kirja fl-iskadenza li jmiss ; hemm biss talba ghall-izgumbrament tal-inkwilin f'terminu qasir u perentorju.

Oltre dan, l-informazzjoni moghtija fl-ewwel paragrafu tar-rikors hija zbaljata u din l-informazzjoni hija essenzjali gahall-validita tar-rikors propotorju. Il-kera msemmija i.e. Lm35 kull tlett xhur ma taghtix rizultat ta' Lm220 annwali, b'dan li jew wahda jew l-ohra hija zbaljata. Ir-rikors lanqas ma jaghti d-daqqa tal-iskadenza li jmiss.

(B) Is-sentenza tal-Bord hija evalwazzjoni skorretta tal-provi.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' intimata bdiet topera mill-fond de quo ; biz-zmien, is-socjeta' intimata kibret u espandiet b'mod li kellha ssib it-tieni fond, kif effettivament sabet, biex tuzah **ukoll** ghall-bzonnijiet tan-negozju taghha. Il-Bord ghamel sunti tal-provi mressqa quddiemha ;

(i) f'para 3 tas-sentenza, il-Bord ezamina x-xhieda tar-rikorrent George Mifsud : Wara li rrakkonta l-incident dwar id-dhul tal-merkanzija kbira li ma ddahlitx fuq trukk, ikkonkluda **Ghax dawn (l-intimati) jahdmu bit-trakkijiet jigifieri, idahhlu t-trukkijiet u johorgu t-trukkijiet minnu biss".**

(ii) f'para 4 tas-sentenza ezaminat ix-xhieda ta' John Micallef :-

“John Micallef …. li joqghod qrib hafna l-fond in kwistjoni jghid li l-**fond qed jintuza hazin – store, dahlu merkanzija, qisu b’karru go fih, store imma mhux trakkijiet.”**

(iii) f’para 5 tas-sentenza ezaminat ix-xhieda ta’ Maryanne Micallef li “tghid li ghal dan l-ahhar erba’ snin **il-fond ma intuzax skond il-ftehim u ftit qabel ma xehdet, iddahhlet xi merkanzija li wara nharget”.**

(iv) Martin Azzopardi xehed (u x-xhieda tieghu hija riprodotta f’para 7 tas-sentenza) ezattament kif juntuza dan il-garage u kif jintuza t-tieni garage li ghandha s-socjeta’ intimata.

(v) Godwin Azzopardi xehed ukoll kif jintuza l-garage u xehed dwar il-konfoffa li f’xi zmien kienet ghaddiet bejnu u bejn ir-rikorrent. Ghar-raguni li l-Bord deherlu li x-xhiead tieghu hi “tahwida ta’ bniedem li jrid ihawwad”, iddecidiet li din ix-xhieda ghandha tigi mwarrba.

(vi) Tarcisio Azzopardi (para 9 tas-sentenza) xehed dwar kif u l-frekwenza li jintuza l-garage de quo ; dan ix-xhud gie mistoqsi dwar xi karozzi privati li f’xi okkazjonijiet jiddahhlu fil-garage u huwa spjega li dan isir mid-driver li meta johrog trukk ghax-xoghol, ihalli l-karozza privata gewwa sa filghaxija meta jiehu lura t-trakk, johrog il-karozza tieghu biex jirritorna d-dar.

Il-fond de quo inkera permezz ta’ skrittura tat-18 ta’ Frar 1982 fejn inter alia gie stipulat :

“Il-fond ghandu jigi adibit less bhala garage ghall-uzu tal-inkwilin in konnessjoni man-negozju taghhom ta’ burdnara u agenti ta’ transport ta’ merkanzija, li jinkludi d-dritt li l-inkwili idahhlu trakkijiet mghobija bil-merkanzija.” Nonostante li l-Bord kellu din li skrittura fil-process, jidher li qaghad aktar fuq ix-xhieda tar-rikorrenti li xehdu b’kontradizzjoni ta’ din l-istess skrittura fis-sens li s-socjeta’ intimata kienet prekluza li zzomm merkanzija ta’ klijenti f’dan il-garage u fl-ewwel okkazjoni li ddahhlet merkanzija mhux mghobbija fuq trukk, saret il-kawza odjerna.

Il-bazi tal-azzjoni tar-rikorrenti kienet biss mibnija fuq fatt fejn is-socjeta’ intimata dahlet bicca makkinarju kbira **mhux** mghobbija fuq trukk (ara x-xhieda tar-rikorrent George Mifsud a fol 6 tax-xhieda tieghu fil-25.1.00 u x-xhieda tar-rikorrent Marianne Micallef fl-istess seduta) ; dwar dan il-fatt il-Bord ikkonkluda (fl-ahhar paragrafu ta’ qabel ta’ l-ahhar tas-sentenza) li “r-rikorrenti ghandhom ragun hlief ghal dak li jghidu fuq il-generator li ma biddel bl-ebda mod l-uzu tal-fond li kieku l-fond kien jintuza”.

F’kull kaz pero’, jigi sottomess u sottlineat illi li skrittura tistipula **d-dritt** (mhux l-obbligu) li fil-garage jiddahhlu trukkijiet mghobbija. Il-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Bord u cioe’ “li s-socjeta’ intimata kwazi

ma tuza xejn il-fond in kwstjoni" ma taqbilx mal-analizi li ghamel l-istess Bord fl-ewwel parti tas-sentenza u ma taqbilx lanqas mas-sentenza li ssegwi din il-konkluzjoni meta inghad "Il-fond jintuza ghal hazna ta' xi affarijiet bla siwi bhal pallets u biex jitqieghdu go fih il-karozzi privati tal-imsiehba/diretturi".

(C) L-interpretazzjoni tal-punti legali mill-Bord ukoll huma skorretti. L-uzu li ghalih gie mikri l-fond in kwistjoni kien bhala garage ghall-uzu tal-inkwilin in konnessjoni man-negozju taghhom ta' burdnara u agenti tat-transport ta' merkanzija. Il-fond ma kienx intiz biex ikun miftuh ghall-klijenti f'hiniujiet regolari kuljum.

Anki kieku ghall-grazzja tal-argument huwa kompletament veru dak li qal il-Bord li l-garage qed jintuza biss biex jinhaznu u jinzammu il-palletts, dan huwa konformi mal-uzu li ghalih gie mikri ; jista' jkun li ghall-Bord palletts, dan huwa konformi mal-uzu li ghalih gie mikri; jistgha jkun li ghall-Bord palletts huma oggetti bla siwi ; ghal min qieghed fix-xoghol ta' trasport ta' merkanzija, il-palletts huma mhux biss ghodda ta' siwi izda ghodda ta' siwi ewlieni.

Mix-xhieda kollha, anki dawk prodotti mir-rikorrenti, irrizulta illi gol-garage jiddahhlu u jinhargu t-trukkijiet ; dan il-fatt pero', ma jidhirx li kellu impatt fuq il-Bord ghax gie skartat ghal kollox fis-sentenza.

Inghatat spjegazzjoni, li ma gietx kontradetta, ghall-fatt li matul il-gurnata gieli jkun hemm karozza privata u cioe' li d-driver li jmur johrog trukk tax-xoghol mill-garage, ihalli l-karozza tieghu fil-garage waqt li jkun ghax-xoghol bit-trukk. Il-Bord ma skartax din li spjegazzjoni izda daqs kieku ma nghatatx, anqas biss semmiha jew evalwaha.

Ghal dawn il-motivi u ghal dawk li jigu sottomesesi waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-appellant talab illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi tat-28 ta' Frar 2001 u tichad it-talbiet tar-rikorrenti ; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI CARMELO MIFSUD ET

5. L-appellati wiegbu hekk :-

(i) Illi s-socjeta' intimata appellat mis-sentenza moghtija nhar it-28 ta' Frar 2001 mill-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi billi hasset ruhha aggravata ghal tlett ragunijiet : (a) ghaliex it-talba tar-rikorrenti kif intavolata fir-rikors promotur allegatament "tirrasenta" (sic) il-gurisdizzjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera ; (b) ghaliex is-sentenza ta' l-Onorabbli Bord "hija evalwazzjoni skorretta tal-provi" (sic) ; u (c) ghaliex gew allegatament interpretati hazin "il-punti legali". L-esponenti

jissottomettu lis-sentenza appellata hija gusta u haqqha tigi konfermata ghar-ragunijiet segwenti ;

**DWAR L-AGGRAVJU RITWALI**

(ii) Illi dak li ssottomettiet is-socjeta' appellanti fis-sens illi l-Bord li Jirregola l-Kera ma jistax jinterrompi terminu ta' rilokazzjoni waqt illi dan ikun ghaddej huwa korrett ; madankollu dan ma jfisser xejn hlief illi l-izgumbrament mitlub fir-rikors promotur ghandu jsehh wara li jiskorri tali terminu. In effetti, t-terminu ta' rilokazzjoni li kien ghaddej meta gie ntavolat ir-rikors promotur ilu zmien li ghadda, u ghaldaqstant jekk l-Onorabbli Bord sab li kien hemm ragunijiet validi sabiex ma jkunx hemm rilokazzjoni, l-izgumbrament seta' ghall-finijiet kollha tal-ligi ordnat b'effett immedjat ;

(iii) Illi jekk l-aggravju tas-socjeta' appellanti hija fis-sens li t-talba ghall-izgumbrament kellha tigi preceduta minn talba ghall-permess tal-Bord sabiex il-proprjeta' in kwistjoni ma tigix rilokata awtomatikament, l-esponenti jissottomettu li tali talba hija implicita fit-talba li effettivament saret, u li fi kwalunkwe kaz in-nuqqas ta' tali talba ma taffettwax il-kompetenza tal-Bord, izda tafefttwa l-validita' formali tat-talba li saret quddiem il-Bord. In-nullita' tar-rikors promotur setghet semmai titqajjem quddiem l-Onorabbli Bord *in limine litis*, u l-Bord kien ikun f'posizzjoni jikkunsidra jekk kienx ikun il-kaz li jordna korrezzjoni ta' l-atti ; in-nuqqas

tas-socjeta' appellanti, pero', li tqajjem l-eccezzjoni tan-nullita' *in limine litis* huwa f'dan l-istadju fatali ghaliha, in vista ta' l-artikolu 798(2) Kap. 12 Ligijiet ta' Malta ;

(iv) Illi ladarba dan l-aggravju jissarraf f'eccezzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata, japplika wkoll id-dispost ta' l-artikolu 790 Kap. 12, li jiddisponi :

> Meta quddiem Qorti fi grad ta' appell tingieb 'il quddiem eccezzjoni ta' nullita' tas-sentenza appellata, dik l-eccezzjoni ma ghandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun gusta fis-sustanza taghha hlief jekk l-eccezzjoni tkun bazata fuq nuqqas ta' gurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' citazzjoni, jew fuq illegittimita' ta' persuna jew fuq li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett iehor li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq.

Fil-kaz odjern l-eccezzjoni mhijiex wahda ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni territorjali, izda ta' inkompetenza. Ladarba s-socjeta' appellanti wiegbet ghar-rikors promotur minghajr ma rrilevat ebda irritwalita' u nghatat lilha l-opportunita' kollha li tiddefendi ruhha, zgur li mhuwiex kaz li ma nghatax smiegh xieraq. Ghall-kumplament, l-esponenti jissottometti li s-sentenza tal-Bord hija gusta fis-sustanza taghha kif ser jigi spjegat ;

(v) Illi dwar il-puntwalizazzjoni tas-socjeta' appellata li l-ammont ta' kera annwali jinqasam f'pagamenti ta' Lm55 u mhux ta' Lm35 (zball ovvju tal-pinna), dan zgur li ma ghandu l-ebda effet fuq is-sustanza tal-kaz jew fuq il-fatti kontestati li kienu jiffurmaw il-mertu quddiem l-

Onorabbli Bord ; tali inkorrettezza setghet semmai tigu wkoll rilevata *in limine litis* u kienet issir il-korrezzjoni necessarja ;

**<u>DWAR IL-FATTI</u>**

Illi dwar il-mertu tal-kaz, l-esponenti ma jistghux ma jirrilevawx illi l-akbar bicca xoghol li kellu l-Onorabbli Bord kien illi jgharbel il-kredibilita' tax-xhieda individwali li ttelghu quddiemu sabiex ikun f'posizzjoni li jinterpreta mhux biss l-isfumaturi tal-kliem li ntqal, izda specjalment l-isfurmaturi tal-kliem li *ma ntqalx*.  Jigi ghalhekk sottomess illi din l-Onorabbli Qorti ghandha toqghod attenta hafna meta tigi mistiedna mis-socjeta' appellanti sabiex taghmel rivalutazzjoni tax-xhieda mressqa, in kwantu l-imgieba u l-atteggjament tax-xhieda li dehru quddiem l-Onorabbli Bord (u specjalment it-tlaqliq taghhom, haga li ma tigix rekordjata u wisq lanqas traskritta) kienu essenzjali sabiex iwasslu lill-Onorabbli Bord ghall-konkluzjonijiet tieghu ;

(vii) Illi anke semplicement fuq ix-xhieda kif tirrizulta traskritta, il-Bord ghamel sintezi magistrali u ammirevoli fil-linearita' tieghu.  Ghaldaqstant dwar il-fatti, ghajr dak li ser jigi sottomess in konnessjoni mat-tielet aggravju, l-eseponenti ma ghandhom xejn xi jzidu mas-sentenza appellata, u jirrimettu ruhhom ghaliha ;

**<u>DWAR L-INTERPRETAZZJONI TAL-PUNTI LEGALI</u>**

(viii) Illi dan l-aggravju jkompli fejn halla l-aggravju precedenti dwar il-fatti koncernanti l-interpretazzjoni ta' l-iskrittura tat-18 ta' Frar 1982, fejn gie stipulat *"illi l-fond ghandu jigi adibit biss bhala garage ghall-uzu tal-inkwilin in konnessjoni man-negozju taghhom ta' burdnara u agenti ta' transport ta' merkanzija, li jinkludi d-dritt li l-inkwilin idahhlu trakkijiet mghobbija bil-merkanzija" ;*

(ix) Illi s-socjeta' appellanti nterpretat dan il-klien fis-sens "illi li skrittuar (sic) tistipula **d-dritt** (mhux l-obbligu) li fil-garage jiddahhlu trukkijiet mghobbija" (fol 3 tar-rikors ta' l-appell) u kompliet billi rragunat illi l-uzu tal-fond mikri bhala mahzen ghall-istivar ta' *pallets* kien konsonu ma' l-iskop tal-kirja, ladarba dawn il-*pallets* kienu necessarji ghan-negozju tas-socjeta' appellanti. Dak li jissottomettu l-esponenti huwa li ghall-kuntrarju, gie specifikat li merkanzija tista' tinzamm fil-fond mghobbija fuq trukkijiet ghaliex kien hemm intenzjoni espressa li jigi eskluz l-uzu tal-fond bhala semplici mahzen. Huwa veru li trattasi ta' dritt u mhux ta' obbligu, izda ma kien ikun hemm l-ebda bzonn li jigi specifikat li trukkijiet jistghu jiddahhlu anke mghobbija bil-merkanzija, jekk mhux ghax kien implicitu li merkanzija wahedha ma kienitx permessa; jekk is-socjeta' attrici nghatat id-dritt esplicitu li ddahhal merkanzija mghobbija fuq trukk, *a contrariu sensu* kienet qieghda tigi mcahhda mid-dritt li tahzen u zzomm il-fond merkanzija bi kwalunkwe mod iehor ;

(x) Illi s-socjeta' appellanti kompliet biex issottomettiet illi l-hazna ta' *palletts* ma kienitx vjetata izda konformi ma' l-iskop tal-kirja, billi necessearja ghan-negozju tas-socjeta' appellanti. Tali sottomissjoni tinjora kompletament il-fatt konstatat illi l-*pallets* ma kienux essenzjali ghan-negozju tas-socjeta' appellanti, billi rrizulta mill-provi (fol 13 tal-process) u gie accettat mill-Bord (fol 2-3 tas-sentenza appellata) illi l-*pallets* li kienu jintefghu hemmhekk kienu jkunu *pallets* mherrija u destinati ghall-hruq.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Il-vertenza tirrigwarda talba ghal zgumbrament minn fond kummercjali mikri lis-socjeta' intimata appellanti fuq il-kawzali li l-appellanti "biddlu d-destinazzjoni tal-uzu tal-fond". Din it-talba da parti ta' l-appellati, sidien tal-fond "St. Joseph", Tal-Hlas Road, Qormi, giet milqugha mill-Bord li Jirregola l-Kera.

7. L-ewwel lanjanza tas-socjeta' appellanti hija inpernjata fuq allegata irritwalita' u nullita' konsegwenzjali tar-rikors promotorju. Skond l-appellanti dan gie redatt zbaljatament kemm f'dik li hija talba kif ukoll ghaliex jikkontjeni zball matematiku riferribbilment ghall-ammont, fi flus, tal-kera li kien jithallas mill-inkwilin.

8. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat dan l-aggravju ma hijiex tal-fehma li ghandha tilqghu. Fl-ewwel lok tinnota li fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem it-Tribunal ta' l-ewwel grad ma giet sollevata l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens u kollox baqa' miexi a bazi tal-mertu tal-vertenza. Kien biss f'dan l-istadju ta' appell, li l-intimati hassew li l-procedura intavolata kienet wahda irrita. F'kull kaz pero', din il-Qorti xorta wahda jidhrilha li zball matematiku dwar il-valur lokatizju m'ghandux u fil-fatt ma kellhux, jaffettwa <u>fis-sostanza</u> dak li qed verament jintalab. Li kieku din l-oggezzjoni (mhix sollevata qabel) saret f'mument opportun u kienet gustifikata seghet giet sanata b'eventwali korrezzjoni. Dwar il-bqija ta' l-aggravju, huwa minnu li t-talba kif redatta mhix wahda mill-aktar felici ghar-raguni li t-talba ghal fini ta' zgumbrament tpoggiet minghajr it-talba proprja li kellha tkun dik tar-ripreza tal-fond. Dan maghdud pero', hemm bizzejjed ness bejn premessi, kawzali u t-talba li juri sufficjentement li l-izgumbrament mill-fond de quo, u z-zmien biex "l-intimati jirrilaxxjaw il-pussess tal-fond f'idejn ir-rikorrenti qeghdin jintalbu minhabba l-allegat bdil fid-destinazzjoni tal-uzu tal-kirja, li fil-fatt hija wahda minn dawk ir-ragunijiet kontemplati fl-Att 69 ghal fini ta' ripreza tal-fond da parti tas-sid, kemm-il darba dan ikun il-kaz. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

9. Illi, fil-mertu, jirrizulta li gew prodotti diversi xhieda miz-zewg nahat, oltre xi ritratti esebiti mill-appellati biex isostnu kawzali tan-nuqqas ta' uzu jew uzu divers. Wara analisi dettaljata tal-provi

akkwiziti, il-Bord wasal biex jilqa' t-talba tas-sid principalment minhabba l-fatt li "s-socjeta' intimata kwazi ma tuza xejn il-fond in kwistjoni" u li "l-garage ma hux qed jintuza ghal ghan li ghalih inkera".

10. Din il-Qorti tibda hawn billi tosserva li kwantu ghall-ewwel motivazzjoni surreferita da parti tal-Bord, ankorke' b'mod imnaqqas, baqa' dejjem jintuza mill-inkwilin. Kien hemm raguni l-ghala dan l-uzu safa ridott u cioe' l-akkwist ta' garage iehor u akbar da parti tas-socjeta' intimata, pero' uzu kien u baqa' jsir xorta wahda mill-fond lokat.

11. Il-bqija tal-meritu jikkoncerna jekk bhala fatt is-socjeta' intimata appellanti baqghetx jew le taghmel uzu mill-fond mikri lilha skond il-ftehim lokatizju. Dwar dan il-punt vitali u krucjali ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza nghatat xhieda kontrastanti mill-partijiet kontendenti. Il-Bord ghazel il-verzjoni moghtija mir-rikorrenti. Din il-Qorti m'ghandhiex l-istess konvizjoni minn dak li jemergi mill-provi.

Peress li f'din il-kirja jirrizulta li sar ftehim bil-miktub bejn il-partijiet – ara skrittura Dok M9-5, a fol 7 tal-process – huwa ovvju li l-kirja trid tigi meqjusa ai termini ta' dak li gie espressament miftiehem f'dan il-ftehim. Il-klawsola l-aktar wahda pertinenti hija l-ewwel wahda, u cioe',

> "Illi l-fond ghandu jigi adibit biss bhala garage ghall-uzu tal-inkwilin in konnessjoni man-negozju taghhom ta' burdnara u agenti ta' transport ta' merkanzija, <u>li jinkludi d-dritt li l-inkwilini</u>

> <u>idahhlu trakkijiet mghobbija bil-merkanzija.</u>" (sottolinear tal-Qorti).

Mill-iskrittura surreferita jsegwi kjarament li l-uzu kontemplat hu wiehed li jikkomprendi uzu ampju basta li dan ikun konness man-negozju ta' burdnar ezercitat mis-socjeta' appellanti. Il-fatt, per ezempju, li minflok trakkijiet jintuzaw "forklifters" f'certi kazi biex tiddahhal fih, temporanjament, merkanzija ddestinata lill-klijenti tas-socjeta' ma jmurx u ma jiksirx il-ftehim tal-kirja. Ghall-istess raguni, it-tqeghid jew iz-zamma ta' vetturi privati tax-xufiera jew ta' xi whud mid-diretturi waqt li dawn ikunu fil-kors tax-xoghol taghhom ma kienx jikser il-ftehim. Issa fil-kuntest tal-provi prodotti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-Bord kien gust jew korrett fl-apprezzament ghal hazna ta' xi affarijiet bla siwi bhal pallets u biex jitqieghdu go fih il-karozzi privati tal-imsiehba/diretturi. Il-fatt li ma dawn il-"pallets", li ghandu jinghad huma parti integrali mill-"ghodod" li jintuzaw fis-sengha ta' burdnar, kienu jitpoggew <u>ukoll</u> xi trakk jew izjed, skond il-bzonn, da parti tal-inwilin, <u>ma giex issenjalat</u> mill-Bord u tali fatt invece kien importanti li jigi meqjus ghaliex jaghti dimensjoni differenti dwar l-uzu li kien baqa' jsir mill-istess fond minn kif gie kkostat mill-Bord.

12. Illi huwa minnu, kif del resto gie rilevat mill-appellati, li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment dak l-apprezzament maghmul fl-ewwel istanza mit-Tribunal li quddiemha jkunu gew prodotti, mismugha u kkontrollati l-provi, izda din il-Qorti ghandha d-dmir li dejjem tirrevedi

sew il-provi hekk imressqa meta hemm lanjanza proprju dwar l-apprezzament u l-portata taghhom. Il-posizzjoni vigenti riferibbilment ghall-kirja wara kollox, jaghtiha wiehed mill-appellati stess, jigifieri George Mifsud, meta <u>inter alia</u> jixhed hekk (ara fol 13),

> "<u>Avukat</u> : Jigifieri llum dan il-garage jintuza biss biex jitpoggew pallets?
>
> <u>Xhud</u> : Palletts <u>u kultant idahhlu trakk, ziemel</u> mhux tal-kumpanija taghhom, ghax m'ghandux miktub Azzopardi Transport fuqu" (sottolinear tal-Qorti).

Dwar li t-trakkijiet u "fork-lifters" appartenenti lil terzi giet moghtija spjegazzjoni mill-inkwilin u l-Bord accetta wkoll illi z-zamma fil-garage ta' oggett ("generatur") ghal perijodu temporanju ma kienx jammonta ghal bdil fl-uzu. Huwa minnu li bl-uzu ridott tal-garage <u>de quo</u>, is-socjeta' inkwilina poggiet il-ftehim tal-kirja f'posizzjoni pjuttost prekarja. Madankollu ma hemmx indizji u provi sufficenti li kellhom jiggustifikaw l-akkoljiment tat-talba tas-siden ghal fini tar-ripreza tal-fond lokat u konsegwenti zgumbrament ta' l-inkwilin.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tas-socjeta' intimata appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi fit-28 ta' Frar 2001, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Dep/Rg

mg